# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 737

KAZ NRU. 1030

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Scicluna

u

Carmelo Pulis

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

## I. INTRODUZZJONI

B'ittra tad-disgha (9) ta' Mejju, 1996 immarkata ME 4/95/138/II, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrifera din il-Kwistjoni tax-Xoghol ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Gie ppruvat ghas-sodisfazzjoni ta' dan it-Tribunal li Charles Scicluna, 'il quddiem jissejjah l-appellant, fl-erbatax (14) t'April, 1996 informa lil Carmelo Pulis, 'il quddiem jissejjah il-principal, li l-ghada ma kienx sejjer imur ghax-xoghol ghaliex ried imur il-Belt, Valletta, biex jaghmel xi verifiki dwar il-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali u dwar kondizzjonijiet tax-xoghol; il-Principal li kien qieghed jahdem kuntratt ta' xoghol li fuqu kien ried jipprovdi kulljum certu numru ta' haddiema, wissa lill-istess appellant li jekk l-ghada ma jmurx ghax-xoghol

hu, il-Principal, kien idahhal iehor floku u ghalhekk ikeccih (lill-appellant).

Fil-fatt l-ghada filghodu l-appellant ma marx ghax-xoghol izda mar wara nofsinhar u ghalhekk gie mkecci mill-Principal.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din it-tkeccija saret ghal raguni gusta.

III. DECIZJONI

Ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal, wara li jiddikjara li t-tkeccija ta' l-appellant, cioe' Charles Scicluna saret ghal raguni gusta, jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba ta' l-istess appellant.

Ghal-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 (A.L. 48 ta' l-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-dritt ta' tmien liri maltin (Lm8).

B'hekk dan il-kaz jigi fit-tmiem.

ft/Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum, disgha u ghoxrin (29) t'Awissu, 1996

Vera Kopja

George Attard
SEGRETARJU